# Emvin Cremona (1919 - 1987) Pittur



Wieħed mill-aqwa pitturi Maltin ta' l-20 seklu. Twieled il-Belt Valletta 27 Mejju 1919. Studja fil-Malta School of Arts taħt Edward Caruana Dingli u Karmenu Mangion. Studja wkoll fl-iSchool of Nude taħt Josef Kalleja.

Fl-1938 Cremona mar Ruma fejn studja r-Regia Accademia delle Belle Arti. Studja wkoll Londra u Pariġi. Cremona penġa kemm kwadri sagri kif ukoll profani. Xi xogħlijiet importanti ta' Emvin Cremona:



Xogħol fil-knisja parrokkjali ta' l-Imsida

Il-koppla u s-saqaf tal-knisja ta' San Gejtanu l-Ħamrun

Il-Madonna ta' l-Avjazzjoni

Il-Madonna ta' l-emigranti

Il-kwadru ta' l-Annunzjazzjoni fil-Birgu u dak tal-Madonna ta' Lourdes f'Raħal Gdid

Cremona jibqa' magħruf l-iktar għal:

Xogħol fuq il-bolli

Disinji għaċ-ċelebrazzjonijiet Pawlini fl-1960

Cremona għandu xogħol fil-kwartieri ġenerali tal-Ġnus Magħquda New York u World Health Organization Geneva. Għamel ukoll pittura li ġiet ippreżentata lir-Reġina Eliżabetta II fl-1967. Għamel ukoll collages mill-ħġieġ imkisser. Kien l-artist ukoll ta' diversi covers ta' kotba importanti.









*Il-Kwadru Titulari tal-Parroċċa ta' Lourdes impitter minn Cremona*